MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 443/2010

**Airsped Express Limited – C15781**

**vs**

**Patrick Vella Gauci – I.D. 144388M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Marzu tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€999.46c) rapprezentanti ammont li kien dovut in konnessjoni ma' servizzi rezi mis-socjeta` attrici fuq ordni tal-konvenut, bl-imghax u bl-ispejjez skont il-ligi, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib in-numru 229/2010.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta ghal kontestazzjoni ghat-talba attrici,

Innota illi fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2010 Dr. Adrian Camilleri kien informa lit-Tribunal illi s-sorte kien imhallas filwaqt illi zamm ferm u shih il-kwistjoni tal-kap ta’ l-ispejjez.

Ra wkoll li b’ nota pprezentata llum stess, Dr. Adrian Camilleri ghas-socjeta` attrici ceda s-sorte filwaqt li zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Sema’ lil Dr. Adrian Camilleri ghas-socjeta` attrici jikkonferma bil-gurament illi l-konvenut baqa’ ma hallasx l-ispejjez relatati ma’ din il-kawza.

Innota wkoll li l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, u ghalhekk wisq anqas saret kontestazzjoni ghar-rigward it-talba tas-socjeta` attrici dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jastejni milli jiehu aktar konjizzjoni tas-sorte *in vista* tac-cessjoni li giet ipprezentata llum stess, qieghed jikkundanna lill- konvenuta sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez gudizzjajri relatati ma’ din il-kawza, inkluz dawk li ghandhom x’ jaqsmu ma’ l-ittra ufficjali li ggib in-numru 229/2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------